# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum il-Ġimgħa, 14 ta' Ottubru 2016**

**Rikors Ġuramentat Numru: 44/2008 PC**

**Maġġur Claudio Terribile AFM**

**vs**

**Il-Prim Ministru; u**
**Il-Kmandat tal-Forzi Armati ta' Malta**

***sentenza in parte***

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-attur, wara li ppremetta:

Illi r-rikorrent huwa mpjegat tal-Armata ta' Malta (AFM), bħala fizzjal ikkummissjonat u fil-preżent bir-rank ta' Maġġur, waq li ilu mpjegat mal-AFM mill-ewwel ta' frar tal-elf disa' mija disgħa u tmenin (1989);

Illi l-proċeduri tal-promozzjonijiet fil-każ ta' fizzjal ikkummissjonat tal-AFM huma regolati permezz ta' numru ta' Policy Documents miġbura fil-handbook hekk imsejjaħ 'The AFM Officers' Career Hanbook', hawn anness u mmarkat Dok. CT 1, kif ukoll mil-leġislazzjoni sussidjarja 220 tal-2003;

Illi mill-grad ta' Logotenent sabiex issir Kaptan trid tagħmel eżami u tgħaddi, u minn Kaptan sabiex issir Maġġur trid tagħmel eżami u tgħaddi, iżda wara dan il-proċess sabiex minn Maġġur issir Tenent Kurunell m'hemmx ħtieġa ta' eżami iżda l-promozzjoni issir

b'rakkomandazzjoni bbażata fuq effiċjenza, anzjanità u għażla biex timtela vakanza;

Illi r-rikorrent għandu l-kwalifiki kollha li tirrikjedi l-Liġi sabiex jiġi elevat għall-grad ta' Tenet Kurunell u senjatament għandu l-effiċjenza u l-anzjanità;

Illi fit-Tnejn (2) ta' Novembru 2007, ittieħdet deċiżjoni mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta fejn it-Tenent Kurunell Ian Ruggier, Tenet Kurnell Mario Borg u Tenent Kurunell Martin Sammut ingħataw promozzjoni mill-grad ta' Maġġur għall-grad ta' Tenet Kurunell u dan skond kif jirriżulta mill-provi waqt is-smiegħ tal-kawża;

Illi din id-deċiżjoni saret minkejja illi 1) Ir-rikorrent ilu f'Command Appointment għal dawn l-aħħar tnax-il sena; 2) ir-rikorrent kellu aktar senjorità mill-persuni hawn fuq indikati; 3) kif ukoll ir-rikorrent għandu l-kriterju ta' l-effiċjenza, liema kriterju joħroġ mir-rapporti kunfidenzjali li jsiru kull sena mis-superjur ta' fuqu hekk kif jidhru fil-Confidential Reports personali tar-rikorrent; 4) Ir-rikorrent ġie rikonoxxut min-naħa tal-AFM għas-servizz effiċjenti u twil tiegħu billi l-istess AFM ddekoratu pubblikament fis-sena 2007 permezz ta' midalja għal-*Long and Efficient Service*;

Illi għalhekk id-deċiżjoni tal-Prim Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kmandat tal-Forzi Armati hija waħda mhux biss abusiva u llegali imma diskriminatorja u *ultra vires* ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll tal-Liġi tal-Forzi Armati ta' Malta u l-avviż legali 91) leġislazzjoni sussidjarja 220 tal-2003) rigward regolament dwar in-nomini u l-kundizzjonijiet tas-servizz tal-forza tas-servizz tal-forza regolari tal-Forzi Armati ta' Malta;

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Preliminarjament tieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex il-pożizzjoni tar-rikorrent ma tkunx preġudikata stanti li jinsab il-biża jkun hemm diffikultajiet fuq il-post tax-xogħol waqt dawn il-proċeduri;

2. Tiddikjara illi l-imsemmija deċizjoni tal-konvenuti hija abusiva, llegali, diskriminatorja fil-konfront ta' l-attur u *ultra vires*;

3. Tiddikjara għalhekk illi l-imsemmija deċiżjoni tal-konvenuti hija nulla, invalida u mingħajr effett u konsegwentement;

4. Tordna li l-attur jiġi mgħolli għall-grad ta' Tenent Kurunell u dan taħt dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti;

B'riserva għal kull azzjoni ta' danni kontra l-konvenuti u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti illi huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti li eċċepew:

1. Illi preliminarjament il-Prim Ministru qed jiġi mħarrek inutilment billi ai termini ta' l-artikolu 181B(1) huwa l-Kap tad-Dipartiment li għandu jitħarrek f'kull ċirkostanza li tikkonċerna tali Dipartiment, u f'dan il-każ jeżisti l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati li waħdu jista' jitħarrek għal dan il-għan;

2. Illi fl-ewwel lok din l-Onorabbli Qorti m'għandha ebda ġurisdizzjoni biex tissindika l-organizzazzjoni interna tal-Forzi Armati ta' Malta billi ai termini ta' l-artikolu 469A miżuri li jirrigwardaw l-organizzazzjoni interna tad-Dipartimenti u l-entitajiet tal-Gvern huma esklużi mid-definizzjoni ta' "att amministrattiv" f'dak l-artikolu u jaqgħu barra mis-sindakabilita' ġudizzjarja;

3. Illi inoltre u bla preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jeċċepixxu n-nuqqas ta' fundament ġuridiku għall-azzjoni ta' l-atturi stante illi ma jeżisti ebda dritt taħt il-liġi li wieħed jieħu promozzjoni;

4. Illi l-esponenti qegħdin jeċċepixxu wkol u mingħajr preġudizzju għas-suespost illi l-premessi ta' l-azzjoni in kwantu jistgħu skond id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti ikunu diretti għall-kisba ta' dikjarazzjoni ta' responsabbilita' għad-danni huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress li ma hemm l-ebda ness ta' kawżalita' bejn l-aġir ta' l-esponent u kwalunkwe danni li jistgħu jkunu pretiżi mill-attur;

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ai termini tas-subinċiż (5) ta' l-Artikolu 469(A) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, annullament ta' att amministrattiv komess minn awtorita' pubblika ma twassalx għal għoti ta' danni sakemm ma jiġix ippruvat li l-awtorita' aġixxiet *in mala fede*, b'mod irraġjonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setgħet legalment u raġjonevolment tiġi miċħuda taħt kull setgħa oħra. Għaldaqstant, kwalunkwe talba għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni tkun inakkoljabbli;

6. Illi fil-mertu u bla preġudizzju għas-suespost l-allegazzjonjiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

7. Ilil l-ġudizzju ta' l-esponent dwar il-promozzjonijiet li ngħataw fl-Armata kien wieħed ġust, skond il-liġi u b'osservanza tal-prinċipji tal-ġustizza naturali u għalhekk l-eponenti la aġixxew ultra vires u lanqas b'abbuż ta' poter;

8. Illi fil-proċess biex jimtlew vakanzi fil-gradi u r-rwoli differenti tal-Forzi Armati ta' Malta jitqiesu diversi fatturi u kriterji u mhux biss anzjanità u kwalifiki kif qed jallega l-attur, liema fatturi u kriterji ġew meqjusa komplessivament biex hekk ingħataw il-promozzjonjiet in kwistjoni.

Illi għaldaqstant dan ir-rikors għandu jiġi respint fl-intier tiegħu billi:

a) L-ewwel talba ma tistax tintlaqa' stante li, apparti li hija vaga, hija wkoll ibbażata fuq allegazzjonijiet mhux pruvati – u li ma jistgħux jiġu pruvati għax huma inveritjieri – li għalhekk din il-Qorti b'ebda mod m'għandha taċċetthom. Jekk ir-rikorrenti qed jipprova jżomm lill-esponent milli jwettaq ċerti affarijiet ipotetiċi ċertament m'hijiex l-azzjoni idoneja għal talba bħal dik;

b) It-tieni talba lanqas m'għandha tintlaqa' stante li ma kien hemm xejn abbużiv, illegali jew diskriminatorju fl-aġir ta' l-esponenti;

c) Għaldaqstant lanqas it-tielet talba ma tista' loġikament tintlaqa;

d) Ir-raba' talba hija assolutament in akkoljabbli stante li jekk kemm-il darba ssib favur ir-rikorrent ai termini ta' l-aritkolu 469A din il-Qorti tista' biss tordna lill-esponent Kap Kmandant tal-Forzi Armati sabiex jirrikonsidra d-deċiżjoni tiegħu u mhux tordnalu jagħti promozzjoni lil xi persuna partikolari. Altrimenti, ikun seħħ indħil ġudizzjarju illeċtu f'affarijiet amministrattivi b'dannu għas-separazzjoni ta' poteri fl-Istat.

Rat id-digriet tagħha tal-31 ta' Ottubru 2014 fejn awtorizzat lill-konvenuti jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta ġuramentata ulterjuri tal-konvenuti li biha eċċepew:

1. Illi l-mertu ta' din il-kawża huwa ormai eżawrit ġaladarba l-attur kiseb il-promozzjoni ambita għall-grad ta' Tenent Kurunell nhar is-27 ta' Settembru 2013. Ir-raba' talba tal-attur fir-rikors promotur kienet li jiġi mgħolli għall-grad ta' Tenent Kurunell liema talba hija eżawrita għax llum huwa għandu dak ir-rank li kien qiegħed jittenta jitlob;

2. Illi ladarba l-mertu tal-vertenza odjerna huwa eżawrit, lanqas ma jirriżulta li l-attur għad għandu l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex ikompli b'din il-kawża u dan għaliex, *dato ma non concesso* li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tiegħu sabiex id-deċiżjoni tal-konvenuti tkun dikjarata abbusiva, illegali, u diskriminatorja fil-konfornt tal-attur u tkompli sabiex tiddikjara l-istess bħala nulla, invalida u mingħajr effett, ma jifdal l-ebda benefiċċju li jista' jottjeni l-attur minn tali dikjarazzjoni u dan stante li r-raba' talba tiegħu hija konsegwenzjali għal tali dikjarazzjoni hekk kif jirrizulta mill-kliem minnu uzat 'konsegwentement' ;

3. Illi għalhekk jekk din il-kawża jkollha tkompli, ser tkun konklussiva biss għall-ezercizzju akkademiku u dikjaratorju dwar liema hemm skorta ta' gurisprudenza li tipprojbixxi tali tip ta' kawzi, u dan għaliex dak li qed jitlob ga ngħatalu u lanqas ma jirrizulta mit-talbiet hekk kif dedotti fir-rikors promotur li huwa talab xi retroattivita' fil-promozzjoni ;

4. Illi oltre dan u mingħajr pregudizzju għas-suespost, jirrizulta wkoll illi ftit xhur qabel l-ezercizzju ta' promozzjoni li fih l-attur gie promoss, gew mnedija aggornamenti fil-*policy* ta' promozzjoni u kien a bazi ta' dawn il-kambjamenti ahharija li l-attur seta' jigi promoss ;

Bl-ispejjeż kontra l-attur li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta'Mejju 2016 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza fuq l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' nteress ġuridiku fl-attur li jkompli b'din il-kawża.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar din l-eċċezzjoni.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża a tenur tal-artikolu 469A tal-Kap. 12, li permezz tagħha l-attur qed jallega li kien hemm aġir abbużiv u diskriminatorju fil-konfront tiegħu meta fit-2 ta' Novembru 2007 ittieħdet deċiżjoni mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, li tingħata promozzjoni għal grad ta' logotenent kurunell lil ċerti fizzjali li kienu inqas anzjani minnu u din il-promozzjoni ma ngħatatx ukoll lilu. Huwa għalhekk talab li din id-deċiżjoni tiġi nvalidata

b'applikazzjoni ta' dan l-artikolu tal-liġi u konsegwentement jingħata l-promozzjoni li jippretendi li kellha tingħatalu.

Ġara illi fil-kors tas-smiegħ ta' din il-kawża nbidlet il-*policy* li kienet tirregola dawn il-promozzjonijiet, b'riżultat li l-attur ingħata l-promozzjoni għall-grad ta' logutenent kurunell fl-Armata b'effett mis-27 ta' Settembru 2013, u dan kif ikkonfemat mid-deputat Kap Kmandant tal-Forzi Armati l-Kurunell Mark Mallia fil-kors tas-smiegħ tal-provi.[1] Dan wassal lill-konvenuti sabiex iressqu talba ħalli jkunu awtorizzati jintavolaw eċċezzjonijiet ulterjuri fis-sens li l-attur, in vista ta' din il-promozzjoni, ma kienx fadallu interess ġuridiku biex ikompli b'din il-kawża. Din is-sentenza hija limitata għal deċiżjoni dwar it-tieni eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti li titratta speċifikament in-nuqqas ta' interess ġuridiku fl-attur li jkompli b'din il-kawża.

Il-**Mattirolo**[2] ifissier b'mod tassew luċidu x'inhu l-interess ġuridiku li jrid ikun hemm f'kull kawża, bil-mod segwenti:

*"54. L'azione presuppone il diritto, che essa e' chiamata a tutelare; ma perche' la si eserciti e' mestieri che vi si abbia interesse. Indi' la massima di giurisprudenza tradizionale "**l'interesse e' la misura di azione**" "**point d'interet, point d'action**". Il Codice di procedura civile italiano enuncia questo principio, applicandolo sia all'attore che al convenuto: all'articolo 36 (illum art.100 c.p.c.) e' detto che '**per proporre una domanda in giudizio e per contradirre alla medesima, e' necessario avervi interesse'**…. l'interesse necessario per potere partecipare alla causa in qualita' di attore, di convenuto, o di terzo interveniete – deve essere **diretto, legittimo, e attuale.***

*55. E' mestieri dapprima che l'interesse sia **diretto, personale**, perche' …niuno e' ammesso a stare in giudizio se non per difesa di un interesse proprio, o di persona che esso legalmente rappresenta.*

*56. L'interese deve in secondo luogo essere **legittimo**, cioe' confome al diritto di chi sta in causa. L'interesse e' cosa essenzialmente distinta dal diritto, come l'utile e' distinto dal giusto; l'azione compete soltanto a tutula dei diritti, l'interesse e' la molla che la mette in esercizio. Quindi, se l'interesse e' scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possibilie; cosi' che, per isituire un giudizio, non basta che un fatto d'altri pregiudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto ci arrechi un danno giuridico, danno che non esiste se non e' injuria datum, se cioe' non e' prodotto da chi, esorbitando dalla sfera del diritto proprio,offende un nostro diritto.*

---

[1] Ara affidavit tiegħu a fol. 819 tal-proċess, kif wkoll kopja tal-Gazzetta tal-Gvern tas-27. 09.2013 esebita a fol. 820 -821

[2] Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano;Torino 5ta. Ed. 1902 # 54 et. seq. pag.50 -52

*57. Per ultimo l'interesse deve essere* ***attuale,*** *val quanto dire occorre che esista al momento in cui si propone l'azione. Avvertasi pero' che l'interesse puo' essere attuale, sebbene il diritto a cui si riferisce sia soltanto a termine, od anche solo eventuale; imperocche' anche un diritto eventuale puo' essere leso; e la lesione fa sorgere l'interesse attuale e legittimo ad ottenere al ricognizione del diritto col mezzo di una condanna preventiva, che risolva la contesa presente"* .

Il-liġi proċedurali tagħna ma tipprovdix artikolu speċifiku dwar dan l-interess ġuridiku f'kawża bħal ma tagħmel dik taljana. Imma kif kellhom okkazjoni jgħidu l-Qrati tagħna:

*"Fu nondimeno ritenuto nella patria giurisprudenza,malgrado il difetto di una preciza disposizione della legge in materia,e come corollario di queste due disposizioni (ss. 256 u 960) che base e misura di ogni azione giudiziario e' l'interesse in chi la istituisce e in chi la contesta; perche' se l'interesse e' una condizione sine qua non per il semplice intervento o per l'appello, e' tale con maggior ragione per poter iniziare un giudizio"* .[3]

Fil-każ in eżami l-konvenuti jargumentaw li ġialadarba l-attur, fil-mori tal-kawża, ingħata l-promozzjoni pretiża minnu, kif mitlub fir-raba talba tiegħu li kienet konsegwenzjali għat-talbiet preċedenti biex jiġi dikjarat li kien hemm abbuż amministrattiv meta ttieħdet id-deċiżjoni li ma jingħatax din il-promozzjoni u biex tiġi annullata l-istess d-deċiżjoni, ma kienx għad baqagħlu interess ikompli b'din il-kawża. Jargumentaw ukoll illi issa kwalunkwe deċiżjoni fir-rigward tat-tieni u tielet talba kienet tkun eżerċizzju purament akkademiku li ma kien ser iwassal għal ebda riżultat effettiv għall-attur.

Imma, kif ġie mfisser mill-Qorti tal-Appell f'waħda mis-sentenzi ċċitata mill-konvenuti stess fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tagħhom dwar din l-eċċezzjoni,

*"...fil-prattika gudizzjarja, wiehed jista' jippromwuovi kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata għal azzjoni definittiva u ahharija, minkejja li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta' accertament. Madankollu, f'kaz bhal dan, il-Qorti trid tkun soddisfatta li jkun hemm l-interess mehtieg, anki preordinat ghall-kawza l-ohra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bazi tal-kawza l-ohra li tista' ssir aktar 'l quddiem."*[4]

Infatti l-attur fil-kawża presenti rriserva d-dritt għal kull azzjoni għad-danni kontra l-konvenuti minħabba l-allegat aġir abbuziv tagħhom fir-

[3] Micallef Goggi vs Armando Mifsud kollez vol.XXVII.I.507
[4] Agatha sive Agatina Formosa Gauci vs Avukat Dottor Francis Lanfranco et.: 28.11.2003

rigward tiegħu.[5] Mela f'każ ta' eżitu pożittiv għall-attur dwar it-tieni u t-tielet talba tiegħu f'din il-kawża, l-utilita' ta' tali deċiżjoni hija evidenti għax isservi ta' bażi għal kawża oħra għad-danni li jista' u jidher intenzjonat li jippromwovi l-attur in segwitu għall-kawża presenti. L-argument tal-konvenuti, kif espress fin-Nota tal-Ossevazzjonijiet tagħhom, li l-attur messu fittixhom għad-danni f'din il-kawża stess, għax l-artikolu 469A(5) tal-Kap. 12 jipprovdi espressament għall-possibilita' ta' talba għad-danni konsegwenzjali għall-egħmil amministattiv abbużiv, ma jreġix. M'hemm xejn fil-liġi li jimponi l-obbligu li t-talba għad-danni trid issir neċessajament fl-istess kawża li tkun saret taħt dan l-artikolu. Jidher li l-attur għażel li jipproċedi b'dan il-mod għal raġunijiet strateġiċi biex ikun f'posizzjoni aħjar jikkwantifika dawn id-danni, in vista tal-possibilita' li tali deċiżjoni amministrattiva setgħet telfitu wkoll l-opportunita' li jgawdi promozzjonijiet oħra.

Billi għalhekk jirriżulta li l-interss ġuridiku fl-attur għadu dirett, leġittimu u attwali kif trid id-dottrina u l-ġurisprudenza, din l-eċċezzjoni tal-konvenuti ma tistax tiġi milqugħa.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tiċħad it-tieni eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti kif magħmula fir-Risposta Ġuramentata tagħhom tal-14 ta' Novembru 2014 u tħalli l-kawża għall-kontiwazzjoni.

L-ispejjeż ta' din l-eċċezzjoni jkunu a karigu tal-konvenuti.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

14.10.2016 – Sup44.2008 – Maggur Terribile Claudio AFM vs Prim Ministru et
2312

[5] Ara r-Rikors Ġuramentat presenti